MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 25/2000/1

**Andrew Debono**

**-vs-**

**Brian Theuma u b'digriet tad-29 ta' Marzu 2001 gie kjamat fil-kawza Paul Micallef**

Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn l-attur talab illi l-konvenut ikun ikkundannat ihalsu dik is-somma ta' flus li tigi likwidata in linea ta' danni kkagunata lill-attur fil-vettura tieghu (numru ta' registrazzjoni HAB 452) li hija tat-tip "Seat Cordoba", liema incident stradali gara fid-disgha (9) ta' Frar tas-sena elfejn (2000) f'Tac-Cawla Housing Estate, Rabat, Ghawdex meta l-konvenut waqt li kien isuq vettura tat-tip "Suzuki Vitara", li ghandha n-numru ta' registrazzjoni GAC 281 bi traskuragni grassa, imperizja u non osservanza tar-

regolamenti tat-traffiku, investa l-karozza HAB 452 misjuqa mill-attur u proprjeta' tieghu u b'hekk ikkawza l-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi, li ghalih huwa unikament responsabbli u dana wara li jigi dikjarat minn dina l-Onorabbbli Qorti li  huwa unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu ta' dan l-avviz.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-ghaxra (10) ta' Marzu 2000 u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa imharrek.

Bl-imghaxijiet ukoll skond il-ligi.

Ghall-fini tal-kompetenza gie dikjarat illi d-danni pretizi ma jaccedux il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Brian Theuma fejn eccepixxa:

1. illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, stante illi huwa ma jahti xejn ghall-incident de quo liema incident okkorra unikament tort ta' l-attur minhabba traskuragni, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess il-konvenut eccipjenti m'ghandux iwiegeb ghal dan l-incident izda ghalih ghandu jwiegeb is-sid tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBC 532 li bil-mod kif kien ipparkjat holoq nasba li bil-fors kellu jsehh l-incident li sehh.

3. Illi minghajr pregudizzju ma huma dovuti l-ebda imghaxijiet, stante li hawn si tratta ta' ammont li ghadu ma hux likwidu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tad-29 ta' Marzu 2001 fejn fuq rikors tal-konvenut laqghet  it-talba u ordnat il-kjamat in kawza ta' Paul Micallef spejjez provvizorjament ghall-konvenut.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Paul Micallef fejn eccepixxa:

1. illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-eccipjenti u cioe’ l-kjamat fil-kawza m’ghandu l-ebda responsabbilita’ ghall-incident tat-traffiku mertu ta’ din il-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Semghet ix-xhieda;

Rat il-verbal taghha tat-23 ta’ Jannar 2004.

Ikkunsidrat:

Illi l-incident awtomobilistiku meritu l-kawza huwa dak li gara fid-9 ta’ Frar 2000 fil-lokalita’ “Tac-Cawla Housing Estate” ir-Rabat ghal hin tas-6.50 ta’ filghodu f’gurnata bix-xita. L-attur hemmhekk kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Fiat Cordoba, numru ta’ registrazzjoni HAB 452, dirett lejn Kercem, fejn jahdem. Il-konvenut kien fi triqtu biex jigbor l-gharusa tieghu mill-Housing Estate in kwistjoni u jwassalha Sannat.

Illi, fil-kors tal-kawza xehed PS 1040 li kien investiga l-kollizjoni. Ikkonferma l-iskizz u l-okkorrenza tal-incident li gew redatti minnu. Stqarr li l-iskizz ghamlu “to scale”. Dwar dan l-iskizz il-kontendenti ma kkomentaw xejn anzi jidher li qablu mieghu b’tali mod li accettaw il-konfigurazzjoni tat-toroq, il-kif spiccaw il-vetturi wara l-habta, u l-posizzjoni tal-vettura ipparkeggjata li l-konvenut indika bhala l-kawza ghall-incident.

Illi, ezaminat ix-xhieda in relazzjoni mal-iskizz u l-okkorrenza fejn hu riportat il-kliem li qalu l-kontendenti “tempo vergine”, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha teskludi kull responsabilita’ tal-kjamat in kawza u taddossha tali responsabilita’ kwantu f’zewg terzi lill-attur u terz lill-konvenut. Il-Qorti ikkonsidrat fuq dan illi l-incident gie principalment ikkawzat mill-attur li invada, minhabba l-ostakolu tal-vettura ipparkeggjata, l-korsija tal-

konvenut li pero' mhux ezenti mir-responsabbilita' kollha stante li fil-fehma taghha ma kienx qieghed jezercita 'a proper look out". L-attur difatti 'ex admissis' jghid li gibed ghan-nofs minhabba l-ostaklu tal-vettura pparkeggjata liema manuvra, fil-fehma tal-Qorti, ghamel intempestivament tali li rrenda ruhu l-artefici principali ghall-incident. Da parti mill-konvenut huwa hareg mit-T-Junction minghajr ma esplora sewwa, kif kien fid-dmir, l-vetturi tranzitanti fuq it-triq il-wieqfa.

Illi in kwantu ghall-vettura pparkeggjata, allegatament konstitwenti l-ostakolu, hu ndubitat li kienet stazjonarja u jekk il-kaz li kienet hekk wieqfa llegalment sidha kien biss passibbli ghall-att kontravenzjonali u se mai passibbli ghall-piena li kien wieqaf f'post ipprojibit. Dan il-fatt anka li kieku lanqas pero' ma jirrizulta mill-atti.

Illi l-attur stqarr li sofra erba' mija wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm421.80) bhala danni.

Tiddeciedi ghalhekk li fil-waqt li tiddikjara li ghall-kollizjoni in meritu huma responsabbli kemm l-attur u l-konvenut f'persentagg ta' zewg terzi u terz rispettivament, tikkundanna daqstant lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u erbghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm140.60).

Illi rigward l-ispejjez tal-kawza dawn jibqghu fl-istess percentagg ta' zewg terzi fuq l-attur u terz fuq il-konvenut li ghandu pero' unikament igorr l-ispejjez kollha tal-kjamat in kawza.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------